**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Frar 2024**

**<u>Rikors Guramentat Nru. 186/2022 AGV</u>**

**PAMELA CAUCHI (ID 509383M)**

**VS**

**JESMAR CAUCHI (ID 39983M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors guramentat ta' Pamela Cauchi li ppremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet Pamela Cauchi, detentrici tal-karta tal-identita numru 509383M u Jesmar Cauchi detentur tal-karta tal-identita numru 39983M izzewgu nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) gewwa l-Knisja taz-Zebbiegh (Imgarr) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom mal-prezenti anness u mmarkat bhala **Dok A.**

2. Illi min dan iz-zwieg twieled wild wiehed, Ella Cauchi imwielda nhar it-tmienja u ghoxrin ta’ Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) kif jirrizulta mic-certifikat tata-Twelid tal-wild il-kontendenti mal-prezenti anness u mmarkat bhla **Dok B.**

3. Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba f’inkompatibbilita’ ta’ karattru kif ukoll minhabba f’sevizzi, theddid, vizzjijiet u ingurja gravi da parti tal-intimat kif jirrizulta mill-ordni ta’ protezzjoni mahruga minn din l-Onorabbli Qorti bhala **Dok C.**

4. Illi l-esponenti giet awtorizzata illi tintavola dawn il-proceduri permezz ta’ Digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-hamsa (05) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) li jinsab mal-prezenti anness u mmarkat bhala **Dok D.**

5. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhix possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat.

6. Illi l-esponenti hija ammessa ghal ghajnuna legali.

**<u>Raguni tat-Talba</u>**

Ir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li taf hija personalment:-

1. Illi l-partijiet Pamela Cauchi, detentrici tal-karta tal-identita' numru 509383M u Jesmar Cauchi detentur tal-karta tal-identita' numru 39983M izzewgu nhar it-tlieta u ghxrin (23) ta Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) gewwa l-Knisja taz-Zebbiegh (Imgarr) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom mal-prezenti anness u mmarkat bhala **Dok A.**

2. Illi min dan iz-zwieg twieldet wild wiehed, Ella Cauchi imwielda nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) kif jirrizulta mic-certifikat tata-Twelid tal-wild il-kontendenti mal-prezenti anness u mmarkat bhla **Dok B.**

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba f'inkompatibbilita' ta karattru kif ukoll minhabba f'sevizzi, theddiet, vizzjijiet u ngurja gravi da parti tal-intimat kif jirrizulta mill-ordni ta' protezzjoni mahruga minn din l-Onorabbli Qorti bhala **Dok C.**

4. Illi l-esponenti giet awtorizzata illi tintavola dawn il-proceduri permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-hamsa (05) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) li jinsab mal-prezenti anness u mmarkat bhala **Dok D.**

5. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhix possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat.

6. Illi l-esponenti hija ammessa ghal ghajnuna legali.

**Talbiet**

Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-intimat ta' sevizzi, theddid, vizzjijiet u ingurja gravi kontra l-esponenti.

2. Tordna illi r-rikorrenti jkollha l-kura u l-kustodja esklussiva ta' bint il-kontendenti il-minuri Ella Cauchi.
3. Tordna illi r-rikorrenti tigi awtorizzata li tiffirma wahedha passaport tal-minuri u kull dokumentazzjoni necessarja edukattiva u dik medika.

4. Takkorda access adegwat xieraq lill-intimat Jesmar Cauchi ghall-minuri Ella Cauchi.

5. Takkorda tali access tal-intimat li ma jkunx fil-prezenza ta' terzi persuni kemm dawk maskili kif ukoll dawk femminili u li l-intimat ma jiehux lill-minuri f'bars.

6. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn kull jedd ghall-manteniment tieghu skond il-Ligi.

7. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data meta l-intimat jigi kkunsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li hu jitlef kull jedd ghal kull akkwist

maghmul bil-hila tal-esponenti skond il-ligi u dan okkorrendo b'opera ta perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv kif ukoll kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l- istess att.

8. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 53 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

9. Tezenta lill-esponenti milli tkun responsabbli ghal dejn li l-intimat ghand jew jista' jkollu.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut ma wegibx entro t-terminu u ghalhekk gie dikjarat kontumaci.

Rat l-atti u dokumenti esebiti.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>FATTI</u>**

1. **L-attrici** ltaqghet mal-konvenut tramite Facebook f'Ottubru, 2014 u f'Dicembru, 2014 kienet harget tqila. Dak il-perjodu kien jidher li

jirrispettaha, izda meta harget tqila, bdiet tinduna li kien ikollu hafna burdati hziena, roghda u *palpitations*.

Wara li haditu ghand il-professur, kien ikkonferma li kellu hafna ansjeta' li kienet ilha fuqu peress li kien hassar mal-ex tfajla tieghu u kellu tifla minghandu, kif ukoll kien miet missieru. Kienu jiggieldu ta' spiss u kien jitlaqaha ghal xejn.

Tghid ukoll li wara li welldet lit-tifla fit-28 ta' Lulju, 2015, saret taf li kien qabad il-vizzju tad-droga kokaina kif ukoll tal-loghob u ppruvat tghinu kemm setghet peress li kellhom tifla flimkien u kienet thobbu.

Fl-2017 kien talabha biex jizzewwgu, izda sitt gimghat qabel it-tieg kien refa' idejh fuqha[1] u kienet hafritlu peress li kienet hasbet li kien stressjat minhabba t-tieg. Kienu fil-fatt izzewwgu fit-23 ta' Gunju, 2019 u l-affarijiet kienu jidhru li mixjin tajjeb.

Kienu ghamlu zmien ighixu m'oht il-konvenut sakemm giethom l-ghamara, izda kien hemm okkazzjoni fejn rega' refa' idejh fuqha u kien qallha li kien irreagixxa hekk minhabba li kien laghab €20, 000 fuq iz-zwiemel. Kienet telqet minghand ohtu u marret tghix jumejn fil-post taghhom. Kien wieghdha li kien ser jerga' jattendi l-laqghat biex ikun ahjar, izda maz-zmien kien rega' qallha li kellu €40, 000 dejn, li mbaghad saru €100, 000. Kellu fil-fatt ibiegh taxi li wiret sabiex ihallas parti minn dan id-dejn.

Sa Mejju, 2021, meta ddecidiet li titlaq mid-dar, il-hajja kienet saret intollerabbli ghax kienu jiggieldu hafna, kif ukoll is-swat u t-tghajjir zdied u t-tifla kienet tispicca tibza.

[1] Dok. PC 1

Kien hawn li kienet fethet il-proceduri ta' medjazzjoni u kien f'dan iz-zmien li saret taf li lejlet it-tieg peress li kien raqad go lukanda flimkien ma' shabu kien sar burdell shih.

Tghid li l-konvenut kien biegh id-dar matrimonjali minn wara daharha meta kellha dritt ghal nofs l-ispejjes li kienet ghamlet[2] u kienu krew appartament il-Marsa.

F'Jannar, 2022 tispjega li kienu ghamlu konvenju ghall-flat f'Hal Safi u l-konvenut kien ittrasferixxa €18,000[3], izda f'April, 2022 kienet iddecidiet li titlaq lill-konvenut ghal dejjem u dan wara li kien taha daqqa ta' ponn u kienet marret taghmel rapport lil Domestic Violence Unit.

2. **Michaela Borg** in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg fi hdan id-Domestic Violence Unit tghid li kienet iltaqghet mal-attrici bhala vittma tal-vjolenza u dan kien minn Gunju, 2022.

   Meta kienet iltaqghet mal-attrici kienet qaltilha li l-konvenut kien jibghatilha hafna messaggi jghajjarha u jibghatilha ritratti fejn qieghed ma' nisa ohra.

   Minkejja li kien hemm *protection order* li nharget f'Gunju, 2022, fuq parir ta' surgent tal-GBDV qaltilha li l-konvenut kien qed jara lill-minuri li kienet anzjuza hafna.

   Tikkonferma ukoll li l-attrici kienet infurmata li kienet ghamlet zewg *risk assessments*, precisament fit-28 ta' Novembru, 2021 u ohra fit-3 ta' Mejju, 2023 fejn dakinhar allegat li kienet talbet lill-konvenut sabiex ihallas sehemu ghall-ispejjes tal-kotba tat-tifla u minflok kien hemm hafna tghajjir permezz ta' messaggi u *voice recordings*, tant li kienet ghamlet rapport

[2] Docs. PC3-PC 16
[3] Docs. KONV

mal-Pulizija. Dawn kienu nfurmawha li minhabba li kien hemm *protection order* ma kellhiex l-obbligu li turi lit-tifla lill-konvenut.

Fil-fatt minn hawnhekk ma bdietx turih lit-tifla izjed. Tghid li kien wara li sar ir-*risk assessment* fit-3 ta' Mejju, li kienet giet inkarigata sabiex toffri support emozzjonali.

Ziedet tghid li recentement l-attrici kienet uriet ix-xewqa li jkun hemm xi tip ta' kuntatt bejn it-tifla minuri u l-konvenut, izda bil-kundizzjoni li l-konvenut jiehu lil bintu gewwa postijiet adattati ghaliha.

3. **Louis Buhagiar**, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-konvenut.[4]

4. **In-Nutar Joe Tabone** pprezenta zewg kuntratti.[5]

5. In rapprezentanza tal-banek lokali, xehdet **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. [6] **Lorraine Attard** ghall-HSBC Bank Malta plc.[7] u **AnneMarie Calleja** in rapprezentanza ta' BNF[8].

6. Rat ukoll ix-xhieda ta' **Stephen Calleja** in rapprezentanza ta' Transport Malta.[9]

[4] Doc. LB 1
[5] Doc. JT 1 u JT 2
[6] Doc. JB1
[7] Docs. LA1 – LA 2
[8] Docs. BNF 1 u BNF 2
[9] Docs. SC1 – SC 3

**Konsiderazzjonijiet**

**Responsabbilita'**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi:

> ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

> ***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***
>
> ***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017:

> ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***
>
> ***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi***

*tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.*

*"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."*

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

L-attrici qed taddebita lill-konvenut il-htija tas-separazzjoni u dan minhabba sevizzi, theddid u ngurji gravi.

Il-konvenut baqa' kontumaci u ghalhekk il-Qorti tikkunsidra l-verzjoni ta' fatti esposti minnha bhala ppruvati u kkorroborati. Ladarba ma wegibx ghar-rikors guramentat, il-konvenut gie li ma opponiex ghal dak li xehdet l-attrici.

L-attrici tishaq li fil-bidu tar-relazzjoni taghhom, il-konvenut kien ibati minn hafna ansjeta' li kienet gejja minn esperjenzi li ghadda minnhom fil-passat. L-attrici ttenni ukoll li kien hemm problemi fiz-zwieg da parti tal-konvenut peress li kien refa' idejh fuqha diversi drabi u dan sa anke ftit qabel it-tieg u kien anke jabbuza mid-droga, kif ukoll kellu l-vizzju tal-loghob. Ghal dan m'hemmx provi li jikkontradixxu l-verzjoni attrici.

Minhabba l-vizzji tieghu, il-konvenut ghamel ukoll diversi djun u ghalkemm kemm il-darba kien wieghed lill-attrici li kien ser jirranga, izda kien biss zdied id-dejn.

Id-djun imbaghad wassal sabiex tant kien ikun hemm glied bejniethom u l-konvenut kien iheddidha, tant li t-tifla verament kienet tibza'. Dawn il-fatti ghal darb'ohra ma gewx ikkontradetti, anzi gie ppruvat li kien *hemm risk assessments* li saru fil-konfront tal-attrici minhabba swat li kienet qalghet minghand il-konvenut.

Michaela Borg, in rapprezentanza tad-Domestic Violence Unit ukoll ikkonfermat li f'Gunju, 2022 kienet inharget *protection order* fil-konfront tal-attrici u ta' bintha.

Fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li l-attrici ppruvat li l-konvenut kien irrenda ruhu hati ta' sevizzi, theddid u anke ngurji gravi.

**Kura u Kustodja**

Il-partijiet ghandhom tifla wahda Ella, li ghadha minuri. Presentement tinstab fil-kura u kustodja tal-attrici u fil-konfront tal-konvenut, in vista tal-fatt li hemm *protection order* mahruga kontra tieghu fil-21 ta' Gunju, 2022[10], mhux qed jara lill-minuri.

F'kwistjonijiet ta' kura u kustodja dina l-Qorti dejjem trid tiddeciedi b'mod li huwa fl-ahjar interess tal-minuri. Peress li llum tghix m'ommha u ghandha problemi ta' ADHD u anke kellha hafna ansjeta' minhabba l-problemi li kellhom il-genituri taghha jkun opportun li tinzamm certu stabbilita' f'hajjitha.

Madanakollu, Michaela Borg, li bhala rapprezentanta tad-Domestic Violence Unit u toffri *emotional support* lill-attrici tikkonferma li recentement l-attrici uriet ix-xewqa li jkun hemm xi forma ta' kuntatt bejn il-minuri u l-konvenut, bil-kundizzjoni li jehodha f'postijiet adegwati ghaliha.

Tenut kont tal-fatt li l-minuri kienet tinstab imbezza' minhabba l-glied li kienet tara u li dan halla l-impatt fuqha, mhux facli li l-access issir millum ghal ghada. Tehtieg hidma b'diversi sezzjonijiet u l-presenza ta' *social workers* sabiex ighinu li tinbena relazzjoni u bonding bejn it-tifla u l-konvenut biex terga' tinbena relazzjoni.

[10] Ara fol. 8

Il-Qorti hija tal-opinjoni li ghalissa jigi mahtur id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal sabiex jirrelata jekk huwiex fl-ahjar interess tal-minuri li jkollha access mal-konvenut missierha, li fl-ahhar mill-ahhar lanqas iddenja ruhu jirrispondi ghal dan il-kaz.

**Manteniment**

Illi l-attrici kienet ipprezentat rikors fl-atti tal-medjazzjoni filt-22 ta' April 2022 fejn il-Qorti kienet ordnat lill-konvenut sabiex ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €250 kull erba' gimghat kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha u dan b'digriet datata 21 ta' Gunju, 2022.[11] Il-Qorti kienet ordnat ukoll li dan ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

Mix-xhieda taghha l-attrici ma pproducietx provi sabiex tindika jekk tahdimx jew le u lanqas indikat x'inhuma l-ispejjes taghha sabiex tkopri l-bzonnijiet tat-tifla minuri.

Semmiet biss ukoll li l-konvenut kien jahdem bit-taxi, izda minhabba d-dejn li kien akkumula kien bieghu, ghalkemm fil-medjazzjoni tghid li kien qaleb it-taxi fuq habib tieghu. Tinsisti fl-istess rikors li l-konvenut jaqla' ammont sostanzjali ta' flus u dan huwa rifless anke fil-mod kif ighix. Dan mhux ikkontestat mill-konvenut.

Ghalhekk il-Qorti tista' biss tiddependi fuq il-provi prodotti fl-atti tal-medjazzjoni minn fejn jirrizulta li l-attrici tahdem bhala receptionist mal-ITS u ghandha paga ta' circa €600 fix-xahar[12].

[11] Process tal-medjazzjoni
[12] Dok. F1 u F2 annessi fir-rikors fl-atti tal-medjazzjoni.

L-attrici ukoll elenkat permezz ta' prospett l-ispejjez ghall-bzonnijiet ta' kull xahar li jammontaw ghal €1,508 (*vide* nota guramentata esebita ma' rikors datat 22 ta' April 2022, fl-atti tal-medjazzjoni 420/22, annessi mal-process), filwaqt l-ispejjez edukattivi jammontaw ghal €1,565 fis-sena. Maghhom jridu jizdiedu ukoll spejjez tas-sahha, in partikolari dawk relatati mal-psikologu u psikjatra peress li dawn xi kultant ikollha bzonnhom il-minuri u l-ispiza dejjem tammonta ghal circa €50 kull vizta.

Tenut kont li hafna mill-ispejjez tal-bzonnijiet jirriflettu ammonti li wiehed jonfoq ghall-iktar minn persuna wahda u tenut kont tal-fatt li prattikament ghaddew sentejn minn meta nhareg id-digriet li ordna l-hlas tal-alimenti fl-ammont ta' €250 fix-xahar, **dina l-Qorti tqis li l-mezzi tal-konvenut jiggustifikaw il-hlas ta' €300 fix-xahar.**

Dan l-ammont ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri tibda tahdem, jew issir maggorenni jew inkella jekk tibqa' tistudja *full time* sakemm taghlaq 23 sena.

L-istess manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

Ic-childrens allowance ghandu jibqa' ppercepit mill-attrici.

L-ispejjez edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Bhala assi tal-komunjoni jirrizulta li hemm is-segwenti:-

1. **Dar Matrimonjali**

Jirrizulta li fiz-zwieg, in vizta tad-djun li ghamel il-konvenut, kien qabad u biegh id-dar matrimonjali minghajr mal-attrici tat il-kunsens taghha.

Sussegwentement marru jghixu gewwa post mikri sakemm kienu dahlu f'konvenju sabiex jixtru post f'Hal Safi, 35, White Tulip, Triq iz-Zurrieq, fejn kienu hallsu €18,000.[13] Sadanittant peress li l-partijiet iddecidew li jibdew bil-proceduri ta' separazzjoni u l-istess avukat difensur tal-attrici talbet lill-venditur sabiex jirrifondi lura d-depositu li sar, stante li ma kienx ser jinghata ebda self ghall-akkwist tal-proprjeta' in kwistjoni.[14]

Ghalkemm l-attrici ma pproducietx provi li dan id-depozitu ntradd lura, jibqa' l-fatt li jekk kemm il-darba dan jsir u jkunu nghataw lill-konvenut, l-attrici ghandha dritt ta' rifuzjoni ta' €9,000 mill-istess ammont.

2. **Kontijiet bankarji**

Fil-kont tal-BNF Bank bin-numru 423858.71.001 li huwa home loan hemm bilanc ta' €49,438.86 u huwa intestat f'isem il-konvenut. Dan. ghandu jibqa' jithallas minnu.

Fir-rigward tal-kontijiet l-ohra dawn ghandhom jigu assenjati lil kull min jghajtu, kif ukoll il-kontijiet li hemm f'isem Ella ghandhom jibqghu jigu amministrati mill-attrici.

3. **Mobbli li nxtraw ghad-dar matrimonjali**

**Pretensjonijiet Parafernali**

[13] Dok., JT 2 a fol. 282
[14] Dok. Konv a fol.82

L-attrici pproduciet diversi dokumenti sabiex taghmel il-pretensjonijiet taghha ghall-krediti parafernali, pero' dak li jirrizulta parafernali huwa biss is-segwenti:-

**i) <u>Centro Convenienza - €14,896.84[15]</u>**

Dan l-ammont huwa dovut lill-attrici bhala dritt ta' proprjeta' parafernali.

Dwar l-ircevuti l-ohra dawn jinstabu f'isem il-konvenut pero' uhud minnhom thallsu fiz-zwieg u jirrizulta li huma s-segwenti:-

i) B4 Textiles - €100[16]
ii) Ircevuta datata 9 ta' Dicembru, 2019 - €190[17]
iii) FM Distribution Ltd. - €594.04[18]
iv) HomeMate Co. Ltd - €447.30[19]
v) Ventura Appliances - €1,050[20]
vi) Ventura Appliances - €150[21]
vii) Hotpoint - €794.05[22]
viii) Mondo Convenienza - €2,267[23]

**<u>Total - €5,592.75</u>**

Ghaldaqstant, il-partijiet ghandhom jiehdu nofs l-istess ammont rispettivament u cioe' s-somma ta' **€2,796.37.**

[15] Dok. PC 13
[16] Dok. PC 3 u PC 4
[17] Dok. PC 5
[18] Dok. PC 6
[19] Dok. PC 7
[20] Dok. PC 8
[2121] Dok. PC 9
[22] Dok. PC 11
[23] Dok. PC 12

Jirrizulta ukoll mid-dokument li esebiet l-attrici li l-ispejjez li saru lejn Bathroom Design saru mill-konvenut fl-ammont ta' **€3,515** u dawn saru qabel iz-zwieg u ghaldaqstant huma parafernali.[24]

**<u>Vetturi</u>**

Ghalkemm jirrizulta li l-konvenut kellu diversi vetturi f'ismu ma jirrizultax li llum ghad ghandu, filwaqt li f'isem l-attrici jirrizulta li dina ghandha vettura Toyota Vitz li ggib in-numru ta' registrazzjoni KBU 663 u dina ghanda tigi assenjata lill-attrici.[25]

**<u>Sehem l-attrici</u>**

Ghaldaqstant, tenut kont ta' dak fuq ippruvat, il-Qorti tikkunsidra s-segwenti bhala sehem l-attrici fil-komunjoni:-

a) Parafernali - €14,896.84
b) Sehem mill-mobbli - €2,796.37
c) Depozitu konvenju - €8,000

**<u>Total - €25,693.21</u>**

**<u>Sehem il-konvenut</u>**

a) <u>Parafernali - €3,515</u>
b) <u>Sehem mill-mobbli - €2,796.37</u>
d) <u>Depozitu konvenju - €8,000</u>

**<u>Total - €14, 311.37</u>**

[24] Dok. PG 14
[25] Dok. SC 1 a fol.223 tal-process

Ghaldaqstant, ai finijiet ta' ekwiparazzjoni, il-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici s-somma ta' **€11,381.84.**

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut li rrenda ruhu hati ta' sevizzi, theddid u ngurji gravi.

ii) Tilqa' t-tieni talba attrici u takkorda l-kura u l-kustodja esklussiva ta' Ella lill-attrici.

iii) Tilqa' t-tielet talba attrici u tawtorizza lill-attrici li tiffirma wahedha passport tal-minuri u kull dokumentazzjoni necessarja edukattiva u dik medika.

iv) Tissospendi r-raba' talba sakemm jsir l-assessjar opportun mid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, li qed jigi ghalhekk appuntat sabiex jithejja rapport u jigi kkunsidrat jekk ghandux jkun hemm access bejn il-konvenut u l-minuri, u l-modalita' tal-istess.

v) Tilqa' l-hames talba jekk kemm il-darba jkun stabbilit l-access.

vi) Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull jedd ghall-manteniment tieghu skond il-ligi.

vii) Tilqa' s-seba' talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tordna l-likwidazzjoni u assenjazzjoni kif fuq imfisser.

viii) Tilqa' t-tmien talba attrici.

ix) Tilqa’ d-disa’ talba attrici u jekk kemm il-darba jittiehdu proceduri fil-konfront taghha ghandu jkun hemm dritt ta’ indennizz fil-konfront taghha.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**